## 28 ta' Lulju, 1987

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Carmel Farrugia

*versus*

Pauline Farrugia

**Annullament ta' Żwieġ – Vizzju tal-Kunsens – Difett Serju ta' Diskrezzjoni ta' Ġudizzju – Anomalija Psikoloġika Serja – Esklużjoni ta' xi Elementi Essenzjali tal-Ħajja Miżżewġa**

*Iż-żwieġ huwa wieħed mill-kuntratti l-aktar essenzjali għas-soċjetà u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett. Iż-żwieġ għas-soċjetà mhux rabta ċoff iżda rabta għoqda u biex jinħall għandhom jikkonkorru b'mod univoku u bla dubju r-rekwiżiti tal-liġi. Għall-Qorti n-nullità hija ħaġa serjissima u eċċezzjonali bbażata fuq ir-rekwiżiti legali, u bħala materja eċċezzjonali trid tkun interpretata restrittivament.*

*L-eċċezzjoni ta' xi parti li ż-żwieġ ma kienx ser jimpedih mill-adulterju ma jwassalx għan-nullità taż-żwieġ. Il-Qorti m'għandhiex faċilment targumenta li n-nuqqas tal-kontrolli personali li del resto jiddependu mill-volontà ħielsa ta' l-individwu, jammontaw għal xi difett jew nuqqas psikoloġiku, altrimenti kollox jiġi subordinat għall-elementi soġġettivi u mhux oġġettivi ta' l-inċidenti de quo u jinfetaħ baħar ta' riservazzjoni mentali mingħajr limiti.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni 1265/82 ppreżentat fil-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; peress illi l-kontendenti żżewġu fil-21 ta' Settembru, 1974, fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Safi kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni, u peress illi ftit taż-żmien wara huma sseparaw de facto u wara anki sseparaw legalment b'kuntratt in atti Nutar Dr. Tonio Spiteri ta' l-14 ta' Diċembru, 1976, u peress illi l-imsemmi żwieġ bejn il-kontendenti kien null minħabba vizzju tal-kunsens da parti ta' l-attur kif ukoll għax il-kunsens tiegħu kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u fuq id-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, kif ukoll għax il-kunsens ta' l-attur inkiseb bl-esklużjoni ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, talab li dik il-Qorti tiddikjara null u bla effett iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Settembru, 1974, fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Safi għar-raġunijiet fuq imsemmija tibqa' nġunta minn issa stess għas-subizzjoni;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta; waħda preliminari li ġiet irtirata u l-oħra fil-mertu: "Illi hija tirrimetti ruħha għall-provi

u għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti; u f'kull każ topponi ruħha għall-ispejjeż'';

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju, 1983, li biha dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-attur u dana wara li kkunsidrat – Illi huwa paċifiku bejn il-kontendenti li l-attur qabel ma żżewweġ mal-konvenut kellu intimitajiet sesswali ma' oħt il-konvenuta; illi ftit ġimgħat wara li żżewweġ lill-konvenut fittex lil oħt martu biex japprofondixxi r-relazzjonijiet anke sesswali magħha; illi l-attur stqarr li ried lil oħt il-konvenut kif ukoll li ma riedx jgħix ma' martu biss; illi oħt il-konvenuta marret toqgħod mal-kontendenti u kellha relazzjonijiet sesswali ma' l-attur, u illi, mikxuf il-fatt, minkejja żwieġ ta' ftit ġimgħat, il-kontendenti nfirdu u oħt il-konvenuta ppruvat tmur toqgħod ma' l-attur fuq l-istigazzjoni ta' l-istess;

Illi ż-żwieġ huwa wieħed mill-kuntratti l-aktar essenzjali għas-soċjetà u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett ukoll jekk hija sejra tħares lejh mill-*punto di vista* ċivili biss; illi l-att taż-żwieġ li l-leġislatura Maltija għamlet reċentement (fl-1975, kif emendat fl-1981) ma kienx qiegħed ikisser iż-żwieġ bħala kuntratt ċivili, iżda kien qed jagħti s-saħħa tal-liġi ċara lil dak li qabel kien joħroġ direttament biss mil-liġi kanonika u indirettament biss, minħabba l-interpretazzjoni ġudizzjarja tas-sekli, mil-liġi ċivili. Iż-żwieġ għas-soċjetà mhux rabta ċoff, iżda rabta għoqda, u biex jinħall għandhom jikkonkorru b'mod univoku u bla dubju r-rekwiżiti tal-liġi li appuntu għax ċivilment huma ta' oriġini daqshekk reċenti, jirrispekkjaw ċar is-sentiment indubitat tal-leġislatura Maltija. Minn dan isegwi li għall-Qorti, in-nullità hija ħaġa serjissima u eċċezzjonali bbażata fuq ir-rekwiżiti legali, u bħala

materja eċċezzjonali trid tkun interpretata restrittivament;

Illi l-kawżali taċ-ċitazzjoni tibbaża n-nullità f'dan iż-żwieġ fuq wieħed jew iktar mill-motivi segwenti: (1) minħabba vizzju tal-kunsens da parti ta' l-attur; (2) il-kunsens tiegħu kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u fuq id-dmirijiet essenzjali tagħha; (3) anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ; (4) il-kunsens ta' l-attur inkiseb bl-esklużjoni ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa;

Illi mill-provi rakkolti ma jirriżulta l-ebda dubju li l-attur kien xi ġuvni innoċenti dwar il-ħwejjeġ tal-ħajja u ta' kif titnissel il-ħajja umana; anzi rriżulta li l-attur huwa bniedem normalissimu f'dan ir-rigward u dan mingħajr il-bżonn li jissejjaħ xi tabib psikjatra biex jgħidulna. Fejn seta' kien mhux bħal ġuvintur oħra li jidħlu fiż-żwieġ, kien fl-intenzjoni tiegħu li mill-provi tirriżulta manifesta li ż-żwieġ ma kienx ser jimpedih mill-adulterju, u dan mhux għax ma kienx fehem l-elementi essenzjali taż-żwieġ bħala rabta għal għomru ma' persuna waħda, iżda, u dan mingħajr filosofija jew skruplu ta' xejn, għax hekk kien jogħġbu l-lant. *Per ogni buon fine,* il-Qorti tosserva li hawnhekk qegħdin f'kamp ċivili u kontra dak li jiġri f'kampi kriminali, id-dikjarazzjoni tal-parti waħedha magħmula wkoll *"a tempo vergine"* ma għandha l-ebda privileġġ speċjali li minħabba fih għandha titwemmen mill-ġudikant. Daħal, għax ried, fiż-żwieġ bil-ħsieb ta' l-adulterju. L-attur għadda mill-formalitajiet kollha taż-żwieġ jekk wieħed irid jgħid hekk, bħala bniedem irregolat, ta' kostumi ħżiena, mhux ta' bniedem affett psikoloġikament. Psikoloġikament jidher li kien normali daqs kull għarus ieħor: il-kontrolli personali li kienu neqsin;

Illi l-Qorti ma għandhiex faċilment targumenta li n-nuqqas tal-kontroll personali, li *del resto* jiddependu mill-volontà (rieda) ħielsa ta' l-individwu, fin-nuqqas ta' fatturi oħrajn li jridu jkunu ppruvati għas-sodisfazzjon tal-ġudikant, jammontaw għal xi difett jew nuqqas psikoloġiku; altrimenti kollox jiġi subordinat għall-elementi soġġettivi u mhux oġġettivi ta' l-inċident *de quo* u jinfetaħ baħar ta' riservazzjoni mentali tista' tgħid mingħajr limiti;

Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ssib li kontra dak li jingħad fil-kawżali l-kunsens ma kienx ivvizzjat, li ma kienx hemm xi anomalija psikoloġika serja jew xi esklużjoni ta' xi element essenzjali tal-ħajja miżżewġa. L-attur kien żregolat mill-kapriċċi personali tiegħu, bil-konsegwenza li l-Qorti ma tistax taqbel, ma tistax taċċetta, u ma tistax taddotta l-konklużjonijiet tar-rapport peritali;

Illi l-espedjenza tal-partijiet illum x'aktarx titlob l-annullament kif jindika l-fatt li ż-żewġ partijiet irrimettew ruħhom għar-rapport, imma dak ma jfissirx li fil-mument taż-żwieġ tagħhom kien hemm xi difett serju, bħal dak ikkontemplat mil-liġi; kieku l-Qorti kellha toqgħod għall-konvenzjenza tal-partijiet f'każijiet bħal dawn, kienet tkun qiegħda toħloq ir-rimedju tad-divorzju mingħajr l-awtorità ta' ħadd u ta' xejn. Il-Qorti tiddikjara ċar u tond li hi tifhem li l-ordni pubbliku m'għandux ibaxxi rasu għall-kapriċċi personali;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur ippreżentata fil-25 ta' Lulju, 1983;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess attur ippreżentata fit-8 ta' Awissu, 1983, li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab

li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi fil-15 ta' Lulju, 1983 u minflok tilqa' għal kollox it-talba ta' l-attur u tiddikjara null u bla effett iż-żwieġ bejn il-kontendenti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenuta Pauline Farrugia ppreżentata fid-19 ta' Awissu, 1983;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Jidher minn eżami tal-proċess u b'mod speċjali mill-paragrafu 6 tad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur li l-attur appellant qiegħed jibbaża t-talba tiegħu għall-annullament taż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta appellata fuq id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 19(1)(a)(d) u (f), introdott dan l-artikolu 19 bl-Att XXIV ta' l-1981 in sostituzzjoni għall-artikolu 19 ta' l-Att ta' l-1975 dwar iż-Żwieġ (Att XXXVII ta' l-1975). Infatti, kif jidher miċ-ċitazzjoni, l-attur appellant qiegħed jippretendi li ż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta huwa null (a) minħabba vizzju tal-kunsens da parti tiegħu (b) għax il-kunsens tiegħu kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u fuq id-dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ u (ċ) għax il-kunsens tiegħu inkiseb bl-esklużjoni ta' wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa;

Billi huwa l-attur appellant li qiegħed jagħmel l-imsemmija allegazzjonijiet in sostenn tal-pretensjoni tiegħu li ż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta huwa null, għalhekk huwa l-attur li għandu l-obbligu li jipprova dak li qiegħed jallega, u dana in omaġġ għall-prinċipju tal-liġi Rumana *ormai* rikonoxxut fis-sistema legali tagħna li *"onus porbandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat"*, prinċipju dana inkorporat fl-artikolu 562 tal-Kap. 12 (Ediz. Riv. 1984) li jiddisponi li l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

L-attur appellant qiegħed jissottometti li huwa mhux veru ried jiżżewweġ lill-konvenuta imma ried lil oħtha u li meta żżewweġ kellu f'moħħu li jkollu l-opportunità li jkollu relazzjonijiet magħha taħt il-paraventu taż-żwieġ mal-konvenuta. L-attur appellant qiegħed jibbaża din is-sottomissjoni fuq dak li sejjaħ il-konfessjoni ġudizzjali tiegħu kif ukoll fuq il-konfessjoni estraġudizzjali tiegħu magħmula wara li nkixef li kellu relazzjonijiet intimi ma' oħt il-konvenuta u dana fi żmien mhux suspett. Li din kienet l-intenzjoni tiegħu, l-attur appellant jissottometti, hija kkonfermata miċ-ċirkostanza li qabel iż-żwieġ kien ikollu kunfidenzi sesswali ma' oħt il-konvenuta u miċ-ċirkostanza li immedjatament wara ż-żwieġ ġiet arkitettata sitwazzjoni fejn oħt il-konvenuta marret toqgħod magħhom u proprju ftit ġranet wara beda jkollu x'jaqsam magħha;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tosserva kwantu għall-allegata konfessjoni ġudizzjali

li kieku hija kellha fil-każ in eżami toqgħod biss fuq dak li jgħid attur meta jipproponi l-kawża tiegħu u jixhed, kull persuna li tkun trid tannulla ż-żwieġ tagħha ssibha faċli biex tottjeni dan l-iskop tagħha u l-prekawzjonijiet kollha li ħa l-leġislatur biex jassikura fl-interess tas-soċjetà li n-nullità taż-żwieġ ma tiġix ottenuta ħlief f'ċerti każijiet serji jiġu stulifikati. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti ż-żwieġ għas-soċjetà m'hux rabta ċoff iżda rabta għoqda u biex tinħall din l-għoqda l-Qorti ma tistax toqgħod biss fil-każ li għandha quddiemha fuq dak li l-attur appellant sejjaħ il-konfessjoni ġudizzjali tiegħu, sija pure ġuramentata, iżda jeħtieġ li kwalunkwe dikjarazzjoni tiegħu tiġi kkorroborata u ssostanzjata bi provi oħra li huma biżżejjed biex jipproduċu fil-ġudikant il-konvinzjoni morali meħtieġa li verament il-kunsens ta' l-attur appellant kien ivvizzjat fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta;

Kwantu mbagħad għall-allegata konfessjoni estraġudizzjali ta' l-attur appellant, jirriżulta mid-deposizzjoni tiegħu li meta l-konvenuta indunat b'dak li kien ġara, huwa kien stqarr quddiemha li kien iżżewwiġha b'vendikazzjoni. L-attur appellant kompla jispjega x'ried ifisser b'dan u qal li ried ifisser li meta żżewwiġha lill-konvenuta ma kellux f'moħħu li jgħix magħha u magħha biss għaliex kellu l-ħsieb li jinqeda b'oħtha sesswalment u f'affarijiet oħra għax kellu grazzja magħha;

*Omissis;*

Iċ-ċirkostanza mbagħad li l-attur appellant qabel iż-żwieġ, jekk wieħed jieħu dak li jgħid hu, kellu xi kunfidenzi ma' oħt il-konvenuta ma jwassalx lill-Qorti biex tikkonkludi li b'daqshekk għandu jiġi eskluż il-kunsens ta' l-attur appellant fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. L-attur appellant seta' kellu dawn

il-kunfidenzi ma' oħt il-konvenuta u intant il-kunsens tiegħu meta żżewweġ lill-konvenuta ma kien bl-ebda mod ivvizzjat;

Lanqas ma taqbel il-Qorti mas-sottomissjoni ta' l-attur appellant li immedjatament wara ż-żwieġ ġiet arkitettata sitwazzjoni fejn oħt il-konvenuta marret toqgħod ma' l-attur appellant u mal-konvenuta. Għalkemm huwa fatt li oħt il-konvenuta marret toqgħod magħhom, l-ebda prova ma nġiebet li ġiet arkitettata mill-attur appellant biex jiġri dan. Anzi d-deposizzjoni ta' l-attur appellant pjuttost turi li l-attur appellant ma kien indaħal bl-ebda mod f'dak li ġiegħel lil oħt il-konvenuta tmur toqgħod magħhom. Infatti huwa xehed li "wara ż-żwieġ din Ġuża ġiet toqgħod magħna wara xi ġranet u jien aċċettajt". Il-fatt li, fi kliem l-attur, hu **aċċetta** li oħt martu tmur toqgħod magħhom juri li xi ħaddieħor ried li hi tmur toqgħod hemm u hu aċċetta dak li ried ħaddieħor;

Hemm ċirkostanza oħtra li tirriżulta mill-provi li tkompli teskludi l-allegazzjoni fuq imsemmija li ġiet arkitettata sitwazzjoni biex oħt il-konvenuta tmur toqgħod fid-dar konjugali tal-kontendenti. Jirriżulta mid-deposizzjoni tagħha li dik il-ħabta hija kellha namrat u mhux verosimili li min ikollu namrat u għalhekk ikollu ħsiebu band'oħra sejjer jikkreja sitwazzjoni jew sejjer jipparteċipa fil-krejazzjoni ta' sitwazzjoni biex ikun viċin ta' ħaddieħor. Il-fatt li kellha namrat dik il-ħabta, fil-fehma tal-Qorti, turi li oħt il-konvenuta ma tantx setgħet kienet involuta ma' l-attur appellant. L-intimità bejniethom bdiet wara li, kif xehdet oħt il-konvenuta, l-attur appellant waqqaf il-karrozza viċin iċ-ċimiterju ħdejha u n-namrat tagħha u qalilha biex tirkeb ħalli itellagħha d-dar u n-namrat telaq għax ħasbu missierha;

Il-Qorti għalhekk ma tarax li għandha tiddipartixxi mill-

konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti u anzi taqbel mar-raġunijiet li wassluha għal dik il-konklużjoni. Ma ġiex ippruvat sodisfaċentement li l-kunsens ta' l-attur appellant kien b'xi mod ivvizzjat fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Huwa kien jaf x'qiegħed jagħmel u ried jagħmel dak li fil-fatt għamel, – ċjoè jiżżewweġ lill-konvenuta. Jekk kellu xi simpatija u anke kunfidenzi ma' ħaddieħor qabel iż-żwieġ, dan ma affettax il-kunsens tiegħu meta żżewweġ. L-intimità tiegħu ma' din il-ħaddieħor wara ż-żwieġ, għalkemm viċin iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, lanqas, fil-fehma tal-Qorti, ma jnaqqas b'xi mod dak il-kunsens;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-attur appellant.